MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2003

Numru. 659/2000

Il-Pulizija
(Spettur Helga Debono)
vs
Frankie Pace
Jon Lawrence Formosa

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Jon Lawrence Formosa, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 546993(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta' bejn Ottubru 1999 u Frar 2000 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi:

f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta' bejn Ottubru 1999 u Frar 2000 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi:

a) ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skrittura wara li jkunu gew iffurmati, nkella illi ziedu jew biddlu klawzoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamlu falsifikazzjoni tal-firma ta' Tommi Magrin, u ta persuni ohra fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) iffalsifikaw cedola, polza, ordni  jew dokumenti ohra u cioe' cekkijiet tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' Marketing Services u ta' M. Attard u persuni ohra, illi meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn Banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamlu uzu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ngann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igeghlu titwemmen esistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' LM215.46, bi hsara ghal Marketing Services Limited, Bank of Valletta, Daily Needs, Tommi Magrin u persuni ohra u dan bi ksur ta'  Artikolu 308, 309 u 310 (1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) xjentement laqghu ghandhom jew xtraw affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentament b'kull mod li jkunu ndahlu biex immexuhom jew ibieghuhom bi ksur ta l-artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Frankie Pace wahdu talli :

i) ikkommetta serq ta' cekk book mahrug mill-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' Marketing Services Limited u persuni ohra, serq ta' LM300 f'kontanti ghad-detriment ta' Crafts Creations, kif ukoll serq ta' licenzja tas-sewqan mahruga lil Tommi Magrin u dan ghad-detriment tal-Bank of Valletta, Marketing Services Limited, Tommi Magrin u persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 284 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

ii) ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozzizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella illi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-licenzja tas-sewqan ta' Tommi Magrin u ta' persuni ohra u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183, 184 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Jon Lawrence Formosa wahdu talli :

i) kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 9, Kapitlu 152 fuq sentenza tal-Qorti ta' 25/11/99.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija iwiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Rat il-verbal taghha tas-27 ta' Lulju, 2001 li permezz tieghu fuq talba tal-Prosekuzzjoni l-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju u ordnat illi l-kawza fil-konfront ta' Frankie Pace tigi deciza separatament mill-kawza tal-pulizija kontra Jon Lawrence Formosa;

Il-Qorti semghet lill-Ufficjal Prosekutur tiddikjara illi l-imputat Jon Lawrence Formosa kien hallas il-flus kollha

dovuti minnu, liema somma ta' flus kienet giet mghoddija lil-rapprezentant tal-Crafts Creation. Dan gara waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu, 2002. Dakinhar l-imputat Jon Lawrence Formosa, debitament assistit, volontarjament irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni volontarja ta' dan l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu l-Qorti issib lill-istess imputat Jon Lawrence Formosa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 183, 184, 167, 169, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti qeghda tillibera pero' lill-imputat Jon Lawrence Formosa mir-raba' imputazzjoni migjuba kontra tieghu, dik ta' ricettazzjoni, peress illi una volta illi gie ippruvat ir-reat ta' frodi dan ir-reat jeskludi r-reat ta' ricettazzjoni.

Il-Qorti qeghda issib lill-imputat Jon Lawrence Formosa ukoll hati fuq ammissjoni tieghu stess talli kiser il-provedimenti tal-Artikoli 9 Kap 152 fuq sentenza tal-Qorti tal-25 ta' Novembru 1999.

Ghaldaqstant il-Qorti rat ukoll l-Artikoli 5, 9 u 10 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti rat illi l-imputat fuq imsemmi ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni, mal-ewwel ammetta l-involviment tieghu fir-reati in kwistjoni, irrizarcixxa l-ammont kollu dovut minnu u irregistra ammissjoni f'dawn l-atti. L-imputat gie misjub hati pero' illi huwa kiser ordni ta' probation maghmula fl-1999 wara li kien instab hati ta' pussess ta' droga u ghalhekk wera bic-car illi ma riedx jaf jahtaf l-opportunita illi kienet tatu din il-Qorti sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha l-ebda triq ohra hlief illi tapplika il-piena ta' prigunerija u dana peress illi l-Qorti ma tarax illi jezistu cirkostanzi illi jimmeritaw illi l-imputat jerga' jinghata ordni ta' 'probation', anzi tara illi wasal iz-zmien illi l-imputat jaghmel il-kontijiet tieghu mas-socjeta' u ihallas tal-agir tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ukoll l-Artikolu 8 u l-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tikkundanna lill-imputat Jon Lawrence Formosa, misjub hati kif diga intqal, ghall-prigunerija ta’ dsatax il-xahar.

--------------------------------TMIEM--------------------------------